



PARLAMENT EWROPEW

2009 - 2014

---

*Dokument ta' sessjoni*

---

**A7-0035/2012**

9.2.2012

# RAPPORT

dwar il-kontribut tal-istituzzjonijiet Ewropej għall-konsolidazzjoni tal-Proċess ta' Bolonja  
(2011/2180(INI))

Kumitat għall-Kultura u l-Edukazzjoni

Rapporteur: Luigi Berlinguer

PR\_INI

## WERREJ

	<b>Paġna</b>
MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW .....	3
NOTA SPJEGATTIVA .....	16
OPINJONI TAL-KUMITAT GĦAS-SUQ INTERN U L-ĦARSIEN TAL-KONSUMATUR .....	20
RIŻULTAT TAL-VOTAZZJONI FINALI FIL-KUMITAT .....	24

## MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW

### dwar il-kontribut tal-istituzzjonijiet Ewropej għall-konsolidazzjoni tal-Proċess ta' Bolonja (2011/2180(INI))

*Il-Parlament Ewropew,*

- wara li kkunsidra l-Artikolu 165 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE),
- wara li kkunsidra d-Dikjarazzjoni Universali tad-Drittijiet tal-Bniedem, u b'mod partikolari l-Artikolu 26 tagħha<sup>1</sup>,
- wara li kkunsidra l-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 14 tagħha,
- wara li kkunsidra d-Dikjarazzjoni Konġunta ta' Sorbonne dwar l-armonizzazzjoni tal-arkitettura tas-sistema Ewropea tal-edukazzjoni għolja, iffirmata fil-25 ta' Mejju 1998 f'Pariġi mill-erba' ministri responsabbli minn dan il-qasam ta' Franza, il-Ġermanja, l-Italja u r-Renju Unit (id-Dikjarazzjoni ta' Sorbonna)<sup>2</sup>,
- wara li kkunsidra d-Dikjarazzjoni Konġunta ta' Bolonja ffirmata fid-19 ta' Ġunju 1999 mill-Ministri tal-Edukazzjoni minn 29 pajjiż Ewropew (id-Dikjarazzjoni ta' Bolonja)<sup>3</sup>,
- wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni maħruġa mill-Konferenza tal-Ministri Ewropej responsabbli għall-Edukazzjoni Għolja fit-28-29 ta' April 2009 f'Leuven u f'Louvain-la-Neuve<sup>4</sup>,
- wara li kkunsidra d-Dikjarazzjoni ta' Budapest-Vjenna tat-12 ta' Marzu 2010 adottata mill-Ministri tal-Edukazzjoni ta' 47 pajjiż, li uffiċjalment nidiet iż-Żona Ewropea ta' Edukazzjoni Għolja (EHEA)<sup>5</sup>,
- wara li kkunsidra d-Direttiva 2005/36/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-7 ta' Settembru 2005 dwar ir-rikonoxximent tal-kwalifiki professjonali<sup>6</sup>,
- wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta' Settembru 2005 biex jiġi faċilitat il-ħruġ mill-Istati Membri ta' viżi għal waqfiet qosra uniformi għal riċerkaturi minn pajjiżi terzi li jkunu qed jivvjaġġaw fil-Komunità bil-għan li jagħmlu riċerka xjentifika<sup>7</sup>,

<sup>1</sup> [http://www.ohchr.org/EN/UDHR/Documents/UDHR\\_Translations/frn.pdf](http://www.ohchr.org/EN/UDHR/Documents/UDHR_Translations/frn.pdf)

<sup>2</sup> [http://www.ehea.info/Uploads/Declarations/SORBONNE\\_DECLARATION1.pdf](http://www.ehea.info/Uploads/Declarations/SORBONNE_DECLARATION1.pdf)

<sup>3</sup> [http://www.ehea.info/Uploads/Declarations/BOLOGNA\\_DECLARATION1.pdf](http://www.ehea.info/Uploads/Declarations/BOLOGNA_DECLARATION1.pdf)

<sup>4</sup> [http://www.ehea.info/Uploads/Declarations/Leuven\\_Louvain-la-Neuve\\_Communicu%C3%A9\\_April\\_2009.pdf](http://www.ehea.info/Uploads/Declarations/Leuven_Louvain-la-Neuve_Communicu%C3%A9_April_2009.pdf)

<sup>5</sup> [http://www.ehea.info/Uploads/Declarations/Budapest-Vienna\\_Declaration.pdf](http://www.ehea.info/Uploads/Declarations/Budapest-Vienna_Declaration.pdf)

<sup>6</sup> ĠU L 255, 30.9.2005, p. 22, Rettifika ĠU L 271, 16.10.2007, p. 18, Rettifika ĠU L 93, 4.4.2008, p. 28.

<sup>7</sup> ĠU L 289, 3.11.2005, p. 23.

- wara li kkunsidra r-Rakkomandazzjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Frar 2006 dwar iktar kooperazzjoni Ewropea fl-assigurazzjoni tal-kwalità tal-edukazzjoni oġhla<sup>1</sup>,
- wara li kkunsidra r-Rakkomandazzjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' April 2008 dwar l-istabbiliment ta' Qafas Ewropew tal-Kwalifiki għat-tagħlim tul il-ħajja (EQF-LLL)<sup>2</sup>,
- wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill tat-12 ta' Mejju 2009 dwar qafas strateġiku għall-kooperazzjoni Ewropea fl-edukazzjoni u t-taħriġ ('ET 2020')<sup>3</sup>,
- wara li kkunsidra l-Konklużjonijiet tal-Kunsill u tar-Rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri, imlaqqgħin fil-Kunsill, tas-26 ta' Novembru 2009 dwar l-iżviluppar tar-rwol tal-edukazzjoni fi trijanglu tal-għarfien li jiffunzjona kompletament<sup>4</sup>,
- wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill tal-11 ta' Mejju 2010 dwar l-internazzjonalizzazzjoni tal-edukazzjoni għolja<sup>5</sup>,
- wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-28 ta' Ġunju 2011 dwar linji politiċi sabiex jitnaqqas it-tluq bikri mill-iskejjel<sup>6</sup>,
- wara li kkunsidra rr-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-28 ta' Ġunju 2011 Żgħażaġħ f'Moviment - il-promozzjoni tal-mobbiltà fit-tagħlim taż-żgħażaġh<sup>7</sup>,
- wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-10 ta' Mejju 2006 bit-titolu 'Inwasslu għar-Riżultati tal-Aġenda ta' Modernizzazzjoni għall-Universitajiet: l-edukazzjoni, ir-riċerka u l-innovazzjoni' (COM(2006)0208),
- wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tat-3 ta' Marzu 2010 bit-titolu: "Ewropa 2020 – Strateġija għal tkabbir intelliġenti, sostenibbli u inklussiv" (COM(2010)2020),
- wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tas-26 ta' Awwissu 2010 dwar Aġenda Diġitali għall-Ewropa (COM(2010)0245/2),
- wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-20 ta' Settembru 2011 bit-titolu 'Insostnu t-tkabbir u l-impjiegi – aġenda għall-immodernizzar tas-sistemi ta' edukazzjoni għolja fl-Ewropa' (COM(2010)0567),
- wara li kkunsidra r-rapport bit-titolu 'l-Edukazzjoni Għolja fl-Ewropa 2009: Żviluppi fil-Proċess ta' Bolonja' (Eurydice, Kummissjoni Ewropea, 2009)<sup>8</sup>,

<sup>1</sup> ĠU L 64, 4.3.2006, p. 60.

<sup>2</sup> ĠU C 111, 6.5.2008, p. 1.

<sup>3</sup> ĠU C 119, 28.5.2009, p. 2.

<sup>4</sup> ĠU C 302, 12.12.2009, p. 3.

<sup>5</sup> ĠU C 135, 26.5.2010, p. 12.

<sup>6</sup> ĠU C 191, 1.7.2011, p. 1.

<sup>7</sup> ĠU C 199, 7.7.2011, p. 1.

<sup>8</sup> [http://eacea.ec.europa.eu/education/eurydice/documents/thematic\\_reports/099EN.pdf](http://eacea.ec.europa.eu/education/eurydice/documents/thematic_reports/099EN.pdf)

- wara li kkunsidra r-rapport bit-titolu 'l-Edukazzjoni Għolja fl-Ewropa 2010: L-Impatt tal-Proċess ta' Bolonja' (Eurydice, Kummissjoni Ewropea, 2010)<sup>1</sup>,
  - wara li kkunsidra l-istħarriġ tal-2007 tal-Eurobarometer dwar ir-riforma fl-edukazzjoni għolja fost l-għalliema professjonisti <sup>2</sup> ,
  - wara li kkunsidra l-istħarriġ tal-2009 tal-Eurobarometer dwar ir-riforma fl-edukazzjoni għolja fost l-istudenti <sup>3</sup> ,
  - wara li kkunsidra l-publikazzjoni tal-Eurostat tas-16 ta' April 2009 bit-titolu 'Il-Proċess ta' Bolonja fl-Edukazzjoni Għolja fl-Ewropa - Indikaturi ewlenin dwar id-dimensjoni soċjali u l-mobilità<sup>4</sup>,
  - wara li kkunsidra r-rapport finali tal-Konferenza Internazzjonali dwar il-Finanzjament tal-Edukazzjoni Għolja li saret f'Yerevan, fl-Armenja, bejn it-8 u d-9 ta' Settembru 2011<sup>5</sup>,
  - wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tat-23 ta' Settembru 2008 dwar il-Proċess ta' Bologna u l-mobbiltà tal-istudenti<sup>6</sup>,
  - wara li kkunsidra l-Artikolu 48 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
  - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Kultura u l-Edukazzjoni u l-opinjoni tal-Kumitat għas-Suq Intern u l-Ħarsien tal-Konsumatur (A7-0035/2012),
- A. billi l-objettivi tal-Proċess ta' Bolonja – li tiġi żgurata l-kompatibilità tas-sistemi tal-edukazzjoni għolja fl-Ewropa u li jitneħħew l-ostakoli li ma jħallux lill-persuni jiċċaqalqu lejn pajjiż ieħor sabiex jistudjaw jew jaħdmu u sabiex l-edukazzjoni għolja tkun attraenti għal kemm jista' jkun nies possibbli, inklużi żgħażaġh minn pajjiżi terzi – għadhom validi, filwaqt li t-tkomplija tal-proċess – permezz ta' djalogu bejn il-livelli differenti tas-sistema edukattiva sabiex jiġu żviluppanti kurrikuli li għandhom jinbnew fuq kull livell preliminari – qiegħda sservi l-għanijiet tat-tkabbir ibbażat fuq l-għarfien u l-innovazzjoni fi ħdan l-istrateġija Ewropa 2020, l-aktar fil-kriżi ekonomika attwali; billi jeħtieġ li jkun hemm evalwazzjoni sabiex tiġi stabbilita l-evoluzzjoni tal-Proċess u sabiex jitqiesu s-suċċessi, il-problemi, in-nuqqas ta' ftehim u l-oppożizzjoni esperjenzjati;
- B. billi r-rwol tal-edukazzjoni għolja hu li tipprovdi ambjent ta' taġħlim, miftuħ għal kulħadd mingħajr diskriminazzjoni, li jippromwovi l-awtonomija, il-kreattività, l-aċċess għall-edukazzjoni ta' kwalità u t-twessigħ tal-għarfien, u għal dan il-għan huwa essenzjali li jiġi ggarantit li tkun involuta l-komunità akkademika b' mod ġenerali, partikolarment l-istudenti, l-għalliema u r-riċerkaturi, fl-iżvilupp tad-diversi stadji tal-edukazzjoni universitarja;
- C. billi, fid-dawl tat-tliet funzjonijiet taġħhom (l-edukazzjoni, ir-riċerka u l-innovazzjoni), l-

<sup>1</sup> [http://eacea.ec.europa.eu/education/eurydice/documents/thematic\\_reports/122EN.pdf](http://eacea.ec.europa.eu/education/eurydice/documents/thematic_reports/122EN.pdf)

<sup>2</sup> [http://ec.europa.eu/public\\_opinion/flash/fl198\\_en.pdf](http://ec.europa.eu/public_opinion/flash/fl198_en.pdf)

<sup>3</sup> [http://ec.europa.eu/public\\_opinion/flash/fl\\_260\\_en.pdf](http://ec.europa.eu/public_opinion/flash/fl_260_en.pdf)

<sup>4</sup> [http://epp.eurostat.ec.europa.eu/cache/ITY\\_OFFPUB/KS-78-09-653/EN/KS-78-09-653-EN.PDF](http://epp.eurostat.ec.europa.eu/cache/ITY_OFFPUB/KS-78-09-653/EN/KS-78-09-653-EN.PDF)

<sup>5</sup> <http://www.ehea.info/news-details.aspx?ArticleId=253>

<sup>6</sup> ĠU C 8 E, 14.1.2010, p. 18.

universitajiet għandhom rwol kruċjali fil-ġejjieni tal-Unjoni u fl-edukazzjoni ta' ċittadini tagħha;

- D. billi l-università hija aspett ewlieni tal-wirt Ewropew, li issa laħaq kważi l-elf sena, li s-sinifikat tagħha bħala forza għall-progress fis-soċjetà ma jistax jiġi ridott għall-kontribut tagħha lill-ekonomija, u li l-iżvilupp tagħha ma jistax ikun kontinġenti biss fuq il-ħtiġijiet ekonomiċi;
- E. billi, minkejja d-diffikultajiet iffaċċjati – l-istruttura fuq tliet ċikli qed tiġi applikata fil-biċċa l-kbira tal-pajjiżi tal-Proċess ta' Bolonja, u f'xi każijiet b'suċċess;
- F. billi l-impenn li titmexxa 'l quddiem ir-riforma m'għandux jiġi segwit permezz ta' azzjoni frammentata u mingħajr appoġġ finanzjarju adegwat; billi t-tnaqqis fl-infiq pubbliku fuq l-edukazzjoni li qed isir f'ċerti Stati Membri mhux qed jgħin biex jiġu promossi r-riformi meħtieġa;
- G. billi l-mobilità għandha tkun disponibbli għal kulħadd u hija l-pedament tar-riforma tal-edukazzjoni għolja; billi l-mobilità tal-istudenti fl-aħħar tista' tgħin biex tkattar il-mobilità professjonali; billi, madankollu, tul il-proċess kollu għandha titqies ukoll l-aċċessibilità għal kulħadd;
- H. billi jeħtieġ li l-Istati Membri jagħmlu iktar sforzi biex jiggwarantixxu r-rikonossiment reċiproku tad-diplomi, li hu kruċjali għas-suċċess tal-proċess;
- I. billi d-dimensjoni soċjali trid tissaħħaħ bħala kundizzjoni meħtieġa għall-iżvilupp tal-Proċess ta' Bolonja, bl-objettiv li d-dritt għall-istudju jsir ekonomikament aċċessibbli għall-istudenti kollha – speċjalment dawk minn gruppi vulnerabbli – sabiex jinħoloq aċċess ġust għal kulħadd u opportunitajiet aħjar ta' impjegi;
- J. billi l-universitajiet, l-amministrazzjonijiet pubbliċi u l-intrapriżi jridu juru impenn b'saħħtu favur l-impjegabilità; billi l-università għandha tipprovdi lill-individwi l-għodod u l-ħiliet meħtieġa biex tiżgura l-iżvilupp sħiħ tal-potenzjal uman tagħhom; billi t-tagħlim akkademiku għandu jqis ukoll il-ħtiġijiet tas-suq tax-xogħol, bil-għan li l-istudenti jingħataw il-ħiliet li għandhom bżonn sabiex isibu impjieg stabbli u mħallas sew;
- K. billi l-aċċess għall-edukazzjoni – valur fundamentali tal-UE – huwa responsabilità pubblika tal-Istati Membri, tal-istituzzjonijiet tal-UE u ta' atturi ewlenin oħrajn, u billi l-Unjoni Ewropea għanda rwol ewlieni fl-istabbiliment taż-Żona Ewropea ta' Edukazzjoni Għolja billi tappoġġa l-isforzi u l-kooperazzjoni tal-Istati Membri f'dan il-qasam; billi l-koordinazzjoni akbar tal-edukazzjoni u tal-lawrji – filwaqt li tirrispetta l-prinċipju tas-sussidjarjetà – hija prekundizzjoni għall-kisba tal-objettivi tal-impjegabilità fl-Ewropa;
- L. billi l-Proċess ta' Bolonja m'għandux ikollu effetti retroattivi fuq studenti li diġà bdew il-lawrja tagħhom skont il-pjan pre-Bolonja;

### **Ir-rilevanza tal-proċess**

- 1. Jenfasizza l-importanza tal-edukazzjoni bħala l-qasam ewlieni għall-kooperazzjoni mal-Istati Membri sabiex jintlaħqu l-objettivi essenzjali tax-xogħol u tal-iżvilupp tal-

istrateġija UE 2020 u l-irkupru ekonomiku tant meħtieġ;

2. Jappella għat-tisħiħ fil-livell tal-UE tal-appoġġ għall-Proċess ta' Bolonja, b'mod partikulari fir-rigward tal-għarfien reċiproku tal-kwalifiki akkademiċi, l-armonizzazzjoni tal-istandards akkademiċi, il-promozzjoni tal-mobilità, id-dimensjoni soċjali u l-impjegabilità, il-parteciċipazzjoni demokratika, u l-analiżi tal-istat tal-implimentazzjoni tal-prinċipji ta' Bolonja, u t-tneħħija tal-ostakoli amministrattivi; jistieden lill-Istati Membri jtennu l-impenn tagħhom għall-Proċess billi jsaħħu s-sistema tal-finanzjament sabiex jiksbu l-oġġettivi ta' tkabbir stabbiliti fl-Istrateġija Ewropa 2020;
3. Jinnota li ż-Żona Ewropea ta' Edukazzjoni Għolja (EHEA) hija kisba maġġuri mil-lat tal-ħolqien u t-tkattir ta' ċittadinanza Ewropea ġenwina; iqis li din għandha tissarraf fit-tisħiħ tal-EHEA permezz tal-użu ta' għodod u proċeduri xierqa;
4. Jenfasizza li l-Proċess ta' Bolonja u l-EHEA għandhom rwol ewlieni fl-istrateġija Ewropa 2020 u jindika li r-rabta bejn it-tagħlim u r-riċerka hija kruċjali daqs kemm hi karatteristika distinta tal-edukazzjoni għolja Ewropea;
5. Jenfasizza l-fatt li l-prijoritajiet stabbiliti fil-Proċess ta' Bolonja – il-mobilità, l-għarfien, l-impjegabilità – jirrappreżentaw il-kundizzjonijiet meħtieġa sabiex ikun iggarantit li kull student li jinkiteb f'università Ewropea jkollu d-dritt li jiggradwa u jara li l-kwalifi tiegħu jkunu rikonnoxxuti f'kull pajjiż tal-UE;

## **Governanza**

6. Jappella għall-iżvilupp ta' approċċ effettiv 'il fuq, li jkun jinvolvi l-atturi kollha importanti bħall-universitajiet, it-trejdjunjins, l-organizzazzjonijiet professjonali, l-istituzzjonijiet ta' riċerka, is-settur tan-negozju u, fuq kollox, l-għalliema u l-istudenti, l-organizzazzjonijiet tal-istudenti u l-istaff tal-università;
7. Jinnota li xi Universitajiet Ewropej qed isibuha bi tqila biex jagħmlu l-isforzi suffiċjenti għall-kisba ta' EHEA konsolidata filwaqt li, għal xi wħud minnhom, jekk jixtiequ jsaħħu l-kompetittività u l-kwalità tal-għarfien li jipproduċu, l-uniku mezz hu billi jiffurmaw parti mill-EHEA;
8. Jappella għal impenn min-naħa tal-universitajiet għal strateġiji ġodda ta' tagħlim u taħriġ professjonali u tul il-ħajja – billi jsir l-aħjar użu mit-teknoloġiji l-ġodda u bl-għarfien tal-importanza tal-forom kumplimentarji tat-tagħlim bħal sistemi edukattivi non-formali – li huma ffukati fuq is-sisien ta' sistema universitarja ffukata fuq it-tagħlim, fuq l-istudent u fuq ir-riċerka li kapaċi ttiprovdi ħsieb kritiku, ħiliet kreattivi, żvilupp professjonali kontinwu kif ukoll għarfien teoretiku u Prattiku li l-istudenti jkollhom bżonn fil-ħajja tax-xogħol tagħhom; jistieden lill-Istati Membri u lill-UE jappoġġjaw finanzjarjament lill-universitajiet fl-isforzi tagħhom li jbiddu u jżviluppaw il-prattiki edukattivi tagħhom;
9. Iħeġġeġ li l-programmi ta' taħriġ għall-għalliema għandhom jissaħħu u jiġu estiżi, billi jitqiesu l-possibilitajiet offruti permezz ta' teknoloġiji ġodda u ta' tagħlim tul il-ħajja;
10. Jenfasizza li l-ftuħ tal-Universitajiet Ewropej għall-ħtiġijiet tal-ekonomija globali u iktar konsolidazzjoni tal-EHEA għandhom jitqiesu bħala sforzi tal-universitajiet Ewropej biex

jgħinu lill-Ewropa tirkupra mill-perjodu ta' insigurtà ekonomika ġenerali u biex l-Ewropa terġa' titqiegħed fit-triq it-tajba lejn l-iżvilupp sostenibbli u t-**tkabbir**;

11. Jappella għall-iżvilupp tat-"**tielet missjoni**" tal-universitajiet fis-soċjetà, li għandu jitmiegi ukoll b'rabta mal-kriterji multidimensjonali li għandhom jiffasslu għal raġunijiet ta' klassifikazzjoni u r-**rikonossiment** tal-**eċċellenza**;
12. Jitlob għal żieda fl-investiment pubbliku fl-**edukazzjoni** għolja, partikolarment immirat biex jiġġieled il-kriżi ekonomika bi **tkabbir** abbażi ta' **hili**et u għarfien imtejba, u biex iwieġeb għad-domanda oġħla tal-**istudenti** għal **kwalità** mtejba ta' **edukazzjoni** u **servizzi**, partikolarment boroż ta' **studju**, u aċċess għalihom; jemmen li t-**tnaqqis** fil-**baġit** għandhu impatt negattiv fuq l-**isforzi** biex tissaħħaħ id-**dimensjoni** soċjali tal-**edukazzjoni**, li hi l-**prinċipju** li fuqu hu bbażat il-**proċess** ta' **Bolonja**; jappella, għaldaqstant, lill-**Istati Membri** u lill-**UE** jiżviluppaw mekkaniżmi ta' **finanzjament** ġodda, immirati u **flessibbli** – u biex jippromwovu għotjiet madwar l-Ewropa kollha – bil-għan li jappoġġjaw it-**tkabbir**, l-**eċċellenza** u l-**vokazzjonijiet** partikulari u diversi tal-universitajiet; jenfasizza l-**ħtieġa** li jiġi **żvilupp**at approċċ ta' **fondi** multipli, definiti b'regoli ċari u effettivi, maħsub biex jkun jista' jlaħħaq mal-**mudell** ta' **finanzjament** futur tal-**UE** u biex jiżgura l-**indipendenza** tal-universitajiet;

### **Konsolidazzjoni**

13. Jirrimarka li l-**Proċess** ta' **Bolonja** u l-**programm** Erasmus taw spinta lill-**mobilità** tal-**istudenti** u għandhom il-**potenzjal** li jikkontribwixxu għal **mobilità** tax-xoġhol imsaħħa; jiddispaċih, madankollu, li r-**rati** ta' **mobilità** għadhom relattivament baxxi;
14. Jistieden lill-**UE**, lill-**Istati Membri** u lill-universitajiet jistabbilixxu mekkaniżmi biex ikunu pprovduti l-**informazzjoni** u l-**appoġġ** finanzjarju u amministrattiv għall-**istudenti**, l-**akkademiċi** u l-**persunal** kollha sabiex irawmu flussi ta' **mobilità** strutturati; jappella għall-**introduzzjoni** tal-**programm** Erasmus għal **studenti** li diġà għandhom **lawrja** u jappella għat-**tisħiħ** tas-**servizzi** tal-**Erasmus** b'mod ġenerali u l-**ġenerazzjoni** l-**ġdida** ta' **programmi** edukattivi, permezz ta' **finanzjament** itjeb, ibbażat fuq **kriterji** soċjali, il-**ftuħ** tal-**programm** għal firxa akbar ta' **studenti**, għarfien ġenwin u effettiv tal-**credits**, **possibilitajiet** imtejba għall-**inklużjoni** ta' **simestri** barra mill-**pajjiż** bħala parti mit-**taħriġ**, u **flessibilità** akbar fil-**kalendarju** awtorizzat; jinsisti, madankollu, li l-**mobilità** fl-**ebda** każ m'għandha toħloq **diskriminazzjoni** kontra l-**istudenti** b'riżorsi finanzjarji limitati;
15. Huwa tal-fehma li l-**mobilità** fost il-**letturi** universitarji twessa' l-**edukazzjoni** u l-**esperjenza** mhux biss tal-**letturi** nfushom, iżda wkoll, indirettament, tal-**istudenti** tagħhom, filwaqt li tgħinhom jipparteċipaw fit-**tnejjija** tal-**materjal** pedagoġiku;
16. Jistieden lill-**Istati Membri** jirrispettaw l-**impenn** tagħhom għall-**portabilità** sħiħa tas-**self** u l-**għotjiet**, u biex itejbu b'mod sinifikanti l-**appoġġ** finanzjarju għall-**istudenti** mobbli biex ikun jaqbel maż-**żidiet** fil-**programmi** l-**ġodda** tal-**UE**; jitlob lill-**UE** biex tqis kif il-**leġiżlazzjoni** eżistenti dwar id-**drittijiet** għal-**libertà** tal-**moviment** tista' titjeb permezz tal-**ggaranzija** tal-**portabilità** tas-**self** u l-**għotjiet**;
17. Jitlob lill-**UE** tqis iktar bi sħiħ l-**immigrazzjoni** mill-**Afrika**, l-**Ażja** u l-**Amerika Latina** sabiex jiġu stabbiliti **regoli** li jipprovdu għar-**rikonossiment** ta' **kwalifiki** edukattivi



miksuba fil-pajjiżi tal-oriġini;

18. Jitlob lill-UE, bil-għan li tiggarrantixxi l-fiduċja reċiproka u tiffaċilita r-rikonoxximent ta' kwalifiki akkademiċi permezz tal-implimentazzjoni tal-Qafas Ewropew tal-Kwalifiki (QEK) f'kull Stat Membru, tikkonsolida sistema ta' assigurazzjoni ta' kwalità fil-livell Ewropew u tal-Istati Membri; jistieden lill-Istati Membri jimplimentaw is-sistemi nazzjonali tagħhom ta' assigurazzjoni tal-kwalità skont l-Istandards u l-Linji Gwida Ewropej tal-Assigurazzjoni tal-Kwalità, filwaqt li jirrispettaw id-diversità tal-korsijiet u l-approċċi fost l-universitajiet f' termini ta' kontenut u metodi ta' taqħlim; iħeġġeġ lill-aġenziji tal-Assigurazzjoni tal-Kwalità japplikaw għar-Reġistru Ewropew tal-Assigurazzjoni tal-Kwalità u jappoġġaw il-kooperazzjoni Ewropea u l-iskambju tal-aqwa prattiki wkoll permezz tal-Assoċjazzjoni Ewropea għall-Assigurazzjoni tal-Kwalità fl-Edukazzjoni Għolja (ENQA);
19. Jiġbed l-attenzjoni lejn id-diversi skali ta' gradi fl-Istati Membri u lejn il-ħtieġa għal konverżjoni xierqa tal-punti ECTS fi gradi;
20. Iħeġġeġ lill-pajjiżi kollha tal-Proċess ta' Bolonja jimplimentaw oqfsa nazzjonali tal-kwalifiki marbuta mal-Qafas tal-Kwalifiki tal-EHEA u jiżviluppaw u jappoġġjaw finanzjarjament ir-rikonoxximent reċiproku;
21. Jappella għal appoġġ finanzjarju aktar b'saħħtu għall-ftehimiet dwar kurrikuli fundamentali komuni, li jiggarrantixxu riżultati ta' taqħlim definiti sew, kif ukoll billi jiġi studjat l-approċċ metodoloġiku żviluppat mill-proġett "Tuning" u permezz tal-esperjenza ta' "Tuning Academy"; jappella biex tingħata attenzjoni partikulari lin-natura speċifika tal-kurrikuli umanistiċi, bħala sies sod għad-demokrazija u mutur għall-kisba tal-koeżjoni Ewropea; sabiex jiġi determinat liema għarfien u ħiliet speċifiċi għandhom ikunu koperti mill-korsijiet tal-lawrji sabiex jiġi mħeġġeġ it-taqħlim f'forma li tgħaqqad il-ħiliet ġenerali li jistgħu jitkejlu (riflessi fl-abbiltà li wieħed juża l-għarfien) u t-taqħlim u r-riċerka bħala analiżi kritika oriġinali; isostni li, minbarra l-għarfien tal-materjal bażiku, kull programm ta' kull suġġett għandu jipprovdi kompetenzi trasversali ewlenin li jistgħu jiġu applikati f'sitwazzjonijiet differenti bħall-ħsieb kritiku, il-komunikazzjoni u l-ħiliet imprenditorjali;
22. Jitlob aktar appoġġ għall-miżuri nazzjonali u Ewropej bil-għan li jiggarrantixxu l-inklużjoni ekwa, l-aċċess ġust għall-istudju, progress b'suċċess u sistema sostenibbli ta' appoġġ (eż. akkomodazzjoni, spejjeż ta' trasport, eċċ.) għall-istudenti kollha, kif ukoll appoġġ immirat partikolarment għal dawk li jappartjenu għal gruppi li ma jkunux rappreżentati biżżejjed, dawk minn sfondi soċjalment żvantaġġati u dawk li għaddejjin minn diffikultajiet finanzjarji, sabiex titnaqqas ir-rata ta' studenti li jieqfu jistudjaw u jkun żgurati li l-edukazzjoni u t-taħriġ ikunu indipendenti minn fatturi soċjoekonomiċi li jgħolqu żvantaġġi u biex jiġi żgurati li t-taqħlim jissodisfa l-ħtiġijiet individwali; jirrakkomanda li għandu jitħaffef il-proċess tal-ħolqien ta' ċentri ta' konsulenza dwar il-karrieri li joffru servizzi bla ħlas lill-istudenti;
23. Jenfasizza l-importanza tal-communicué ta' Londra tal-2007<sup>1</sup>, li poġġa d-dimensjoni soċjali tal-edukazzjoni wieħed mill-objettivi tal-Proċess ta' Bolonja, bl-għan ikun li jiġu

---

<sup>1</sup> [http://www.ehea.info/Uploads/Declarations/London\\_Communique18May2007.pdf](http://www.ehea.info/Uploads/Declarations/London_Communique18May2007.pdf)

żgurat aċċess ekwu għall-edukazzjoni irrispettivament mill-isfond ta' dak li jkun; jiddispijaċih għall-fatt li ma sarx biżżejjed progress għall-ilħuq ta' dan l-oġġettiv, u jinkuraġġixxi lill-Kummissjoni tiffaċilita dan il-progress;

24. Jitlob lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jħeġġu r-rikonoxximent reċiproku billi jeliminaw l-ostakoli amministrattivi għal dan;
25. Jiġbed l-attenzjoni għall-ħtiġijiet partikulari tal-Baċellerat, kif ukoll fir-rigward tal-kurrikuli tiegħu, l-aċċess minnu għall-Masters, u l-impjegabilità tiegħu; jenfasizza f'dan ir-rigward il-ħtieġa ta' azzjonijiet speċifiċi, bħall-iżvilupp ta' kurrikuli ta' teorija/prattika, u ta' kooperazzjoni aktar effettiva bejn l-universitajiet, l-Istati Membri u l-atturi ekonomiċi u soċjali sabiex jittejbu l-prospettivi għall-iggradwati tal-ġejjieni biex isibu xogħol stabbli u mħallas sew li jikkorrispondu mal-livell tal-kwalifiki li jkunu kisbu; jitlob, għalhekk, li l-universitajiet jiżviluppaw is-sistema tagħhom tal-għoti tal-apprendistati u jtejbu l-integrazzjoni ta' apprendistati tat-taħriġ fil-korsijiet tal-universita;
26. Jenfasizza li l-miżuri biex jippromwovu l-impjegabbiltà, bħat-tagħlim tul il-ħajja, u l-iżvilupp ta' medda usa' ta' ħiliet adegwati għas-suq tax-xogħol, għandhom ikun l-oġġla prijorità sabiex jinkiseb żvilupp sostenibbli u jintlaħqu l-oġġettivi ta' prosperità; f'dan ir-rigward, jappoġġja bis-sħiħ l-iskambji tal-għalliema u tal-istudenti tal-università, id-djalogu bejn l-universitajiet u n-negożji, l-apprendistati u l-passaport tal-ħiliet;
27. Iqis li l-modernizzazzjoni tad-Direttiva dwar il-Kwalifiki Professjonali (2005/36/KE) se tassisti l-mobilità professjonali fl-Ewropa u tiffaċilita l-mobilità tal-istudenti billi tipprovdri assigurazzjoni li l-kwalifiki miksuba fi Stat Membru ieħor ikunu rikonoxxuti madwar l-UE;
28. Jitlob lill-Istati Membri u lill-istituzzjonijiet tal-UE biex jappoġġaw it-tranżizzjoni mill-kunċett metodoloġiku "monodixxiplinarju" tax-xjenza li għadu popolari fl-universitajiet Ewropej lejn il-kunċetti ta' "interdixxiplinarjetà" u "transdixxiplinarjetà";
29. Jistieden lill-Istati Membri u lill-istituzzjonijiet tal-UE jippromwovu d-djalogu u l-kooperazzjoni bejn l-universitajiet u n-negożju bħala oġġettiv komuni tal-EHEA konsolidata sabiex tiżdied l-impjegabilità tal-gradwati mill-universitajiet Ewropej;
30. Jindika l-ħtieġa ta' azzjonijiet speċifiċi u kooperazzjoni aktar effettiva bejn l-universitajiet u s-suq tax-xogħol bil-għan li jiġu żviluppanti kurrikuli aktar rilevanti, li l-edukazzjoni ssir aktar konsistenti u sabiex titjieb l-impjegabilità billi jiġu stabbiliti kriterji simili għall-aċċettazzjoni fil-professjonijiet;
31. Jenfasizza l-importanza tal-iżgurar tad-disponibilità ta' għadd suffiċjenti ta' apprendistati tat-taħriġ għall-istudenti, sabiex jiġi faċilitat iktar id-dħul tagħhom fis-suq tax-xogħol;
32. Jappella lill-gvernijiet nazzjonali u lill-Kummissjoni jiżviluppaw sistema ta' kooperazzjoni strutturata sabiex jingħataw lawrji konġunti, fi ħdan oqsma ta' dixxiplini, li jkunu rikonoxxuti madwar l-UE, billi tittejjeb il-prestazzjoni u l-appoġġ finanzjarju tal-Erasmus Mundus u tal-programmi ta' edukazzjoni u ta' taħriġ tal-ġejjieni u billi jiġi promoss il-ħolqien ta' skema Ewropea ta' akkreditazzjoni tal-programmi konġunti;;

33. Jilqa' l-proposta tal-Kummissjoni b'referenza għal Skema ta' Mobilità tal-Erasmus fil-Livell ta' Masters;
34. Iqis id-dottorati, inklużi dawk imwettqa b'kollaborazzjoni mal-intrapriżi, bħala rabta importanti bejn l-edukazzjoni għolja u r-riċerka, u jfakkar il-potenzjal tagħhom bħala komponent importanti fil-ħolqien ta' innovazzjoni u tkabbir ekonomiku bbażat fuq l-għarfien; jagħraf l-importanza li jitwettqu dottorati fl-intrapriżi, f'termini ta' integrazzjoni ta' individwi b'lawrji ta' livell għoli fis-suq tax-xogħol; jilqa' l-impenn tal-Kummissjoni biex tiżviluppa Skema Ewropea tad-Dottorat Industrijali fi ħdan l-azzjonijiet Marie Curie;
35. Jemmen li kooperazzjoni aħjar l-EHEA u ż-Żona Ewropea tar-Riċerka tkun sors potenzjali għat-titjib tal-innovattività u l-iżvilupp tal-Ewropa;
36. Jenfasizza l-kontribut tas-7 Programm Qafas tal-UE għar-Riċerka, tal-Programm Qafas għall-Kompetittività u l-Innovazzjoni u taż-Żona Ewropea tar-Riċerka biex tkun iffaċilitata l-mobilità tar-riċerkaturi tal-UE u jinkiseb il-potenzjal tal-innovazzjoni u tal-kompetittività tal-UE;
37. Jappella biex titwaqqaf strateġija effettiva ta' appoġġ għall-programmi tat-tagħlim tul il-ħajja fl-Ewropa u inizjattivi sostenibbli li jkunu integrati b'mod sħiħ fl-istituzzjoni u jippromwovv kultura tat-tagħlim tul il-ħajja; jitlob, bl-istess mod, li jitħeġġeġ it-tagħlim tul il-ħajja bbażat fil-kumpaniji sabiex il-ħaddiema jkollhom l-opportunità li jżidu t-taħriġ u l-ħiliet tagħhom; jistieden lill-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni għolja u l-universitajiet joffru flessibilità akbar fil-programmi bbażati fuq ir-riżultati tat-tagħlim, jirrikonoxxu tagħlim non-formali u informali u joffru servizzi ta' appoġġ għall-metodi ta' tagħlim billi jippromwovv sħubiji bejn universitajiet, intrapriżi, u istituti ta' taħriġ vokazzjonali ta' livell għoli sabiex jimlew il-vojt li hemm fil-ħiliet xjentifiċi, umanistiċi u tekniċi;
38. Jiġbed l-attenzjoni lejn il-ħtieġa li jiġi stabbilit l-istatus għall-istudenti ta' qabel il-Proċess ta' Bolonja f'dawk il-pajjiżi fejn jinsabu żvantaġġati f'termini ta' applikazzjonijiet biex jinkitbu f'programmi tal-Masters;
39. Jinnota li s-Sistema Ewropea għal-Akkumulazzjoni u t-Trasferiment ta' Krediti (ECTS) għandha tkun iktar trasparenti u toffri tqabbil iktar preċiż bejn il-kwalifiki u d-diplomi; iħeġġeġ lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex jużaw l-istrument imtejjeb tal-ECTS sabiex jiffaċilitaw il-mobilità għall-istudenti u l-professjonisti;

### **Azzjoni Ewropea**

40. Jilqa' l-proposta tal-Kummissjoni li żżid b'mod sinifikanti l-fondi ddedikati għall-programmi Ewropej ta' edukazzjoni u taħriġ; jistieden lill-Kummissjoni tiddedika proporzjon sinifikanti ta' dawn il-fondi biex tappoġġja l-modernizzazzjoni tal-edukazzjoni għolja u l-modernizzazzjoni tal-infrastrutturi tal-universitajiet skont l-oġettivi tal-proċess ta' Bolonja u l-aġenda ta' modernizzazzjoni tal-UE; iħeġġeġ lill-Kummissjoni ssib soluzzjonijiet li jiffaċilitaw l-aċċess għal dawn il-programmi għall-istudenti b'diffikultajiet finanzjarji wkoll;
41. Jitlob lill-Istati Membri u lill-UE biex jiddeterminaw jekk il-korsijiet ta' studju jistgħux jinkludu perjodu obligatorju ta' taħriġ li għandu jitlesta f'università fi Stat Membru li

m'huwiex il-pajjiż tal-oriġini tal-istudent;

42. Jiġbed l-attenzjoni għar-rabta qawwija bejn il-Proċess ta' Bolonja u d-Direttiva dwar il-Kwalifiki Professjonali, u jenfasizza l-ħtieġa għal koordinazzjoni mill-Kummissjoni b'manjera li tkun konsistenti għall-aħħar mal-Proċess ta' Bolonja; isostni li r-rabta tista' tissaħħaħ aktar billi l-istudenti jingħataw l-informazzjoni Prattika relevanti kollha dwar l-għarfien tad-diplomi miksuba minn barra u l-opportunitajiet ta' xogħol li jgħib it-taħriġ barra l-pajjiż;
43. Jappella, bħala parti mir-rieżami tad-Direttiva dwar il-Kwalifiki Professjonali u sabiex isir progress lejn Żona Ewropea tal-Edukazzjoni Għolja reali, sabiex isir tqabbil tar-rekwiżiti minimi nazzjonali ta' taħriġ u biex ikun hemm skambji aktar regolari bejn l-Istati Membri, l-awtoritajiet kompetenti u l-entitajiet professjonali;
44. Jipproponi li r-rikonossiment minn universitajiet sħab tal-kreditu miksuba skont il-Programm Erasmus għandu jkun element obligatorju għall-istituzzjonijiet kollha li jipparteċipaw fl-iskambji tal-istudenti appoġġjati mill-fondi tal-UE sabiex tissaħħaħ is-Sistema Ewropea għal-Akkumulazzjoni u t-Trasferiment ta' Kreditu (ECTS);
45. Jiġbed l-attenzjoni għall-importanza tal-implimentazzjoni konsistenti tas-sistema ECTS; jistieden lill-Kummissjoni, lill-Istati Membri u lill-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni għolja jiżviluppaw tabella komparattiva li tkun tindika l-għadd ta' kreditu tal-ECTS mogħtija għall-korsijiet, bil-għan li tiżdied il-konsistenza u tiġi ffaċilitata l-mobilità professjonali u tal-istudenti; jinnota l-ostakoli li l-istudenti iħabbtu wiċċhom magħhom meta jittrasferixxu l-kreditu minn università għall-oħra, u jemmen li dawn id-diffikultajiet jistgħu jiskuraġġixxu l-istudenti milli jieħdu sehem fi skambji akkademiċi;
46. Jappella li tiġi żviluppata strateġija effikaċi għall-armonizzazzjoni sħiħa tat-titoli akkademiċi madwar l-Unjoni Ewropea bil-possibilità ta' rikonossiment retroattiv (inklużi titoli akkademiċi preċedenti) minn meta ġie stabbilit il-Proċess ta' Bolonja;
47. Jistieden lill-Istati Membri tal-UE jadottaw bejniethom deċiżjoni finali u ċara dwar ir-rikonossiment reċiproku sħiħ tal-kwalifiki u d-diplomi jew jistabbilixxu pjan direzzjonali għal meta fl-aħħar tkun possibbli din id-deċiżjoni;
48. Jitlob li l-kooperazzjoni bejn l-universitajiet tiġi organizzata b'mod iktar sistematiku u tissaħħaħ, biex jiżdied l-impatt fuq l-istituzzjonijiet u s-sistemi tal-edukazzjoni għolja u biex jibbenefikaw minnha l-istudenti u l-persunal;
49. Jipproponi li l-universitajiet fl-istati firmatarji jagħrfu l-apprendistati tat-taħriġ Prattiku bħala parti mill-programmi ta' mobilità appoġġjati mill-Kummissjoni Ewropea;
50. Jappella għal trasparenza akbar fl-informazzjoni mogħtija lill-istudenti qabel ma jibda skambju partikulari fir-rigward tal-għadd ta' kreditu li jkunu se jingħataw, u jistieden lill-Istati Membri u lill-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni għolja jikkooperaw flimkien meta jkunu qed jivvalutaw l-għadd ta' kreditu li jkunu se jingħataw għall-korsijiet; jinkuraġġixxi l-iżvilupp ta' pjattaformi komuni sabiex tinholq bażi ta' għarfien u kompetenzi definita minn professjonisti u istituzzjonijiet tal-edukazzjoni għolja, bil-għan possibbli li tinkiseb approssimazzjoni ta' xi diplomi, filwaqt li jitħares id-dritt li jitħallew

l-ispeċifitàjiet nazzjonali, pereżempju s-sistema tal-għarfien awtomatiku tal-kwalifiki professjonali fl-UE<sup>1</sup>;

51. Jappella għal netwerking, koordinazzjoni u komunikazzjoni aħjar bejn l-universitajiet tal-UE sabiex jitħaffef l-għarfien ta' diplomi ġodda, jiġi ffaċilitat it-trasferiment tal-krediti, jitjeb l-għarfien u l-fehim tas-sistemi differenti tal-edukazzjoni u t-taħriġ u sabiex l-istudenti jkunu jistgħu jifhmu aħjar id-diversità tal-programmi Ewropej;
52. Jistieden lill-Kummissjoni Ewropea sabiex, fl-ambitu tal-programmi l-ġodda ta' edukazzjoni u taħriġ, tinkuraġġixxi l-kooperazzjoni, inkluż permezz ta' inċentivi finanzjarji, dwar il-kurrikuli transnazzjonali, lawrji konġunti u rikonossiment reċiproku; hu favur iż-żieda fl-għadd ta' sħubiji ta' apprendistati tal-ERASMUS fil-prattika;
53. Jiġbed l-attenzjoni dwar l-eżistenza ta' bosta istituzzjonijiet li jittrattaw l-edukazzjoni għolja u r-riċerka Ewropej; jistieden lill-Unjoni Ewropea tippromwovi mezzi biex dawn ikunu kkoordinati taħt l-istess qafas;
54. Jemmen li għandhom jiġu stabbiliti inizjattivi biex jgħinu lill-istudenti jittrasferixxu r-rekords tagħhom minn università għall-oħra matul l-istudji universitarji tagħhom;
55. Jistieden lill-Istati Membri u lill-UE jipprovdu dejta aġġornata u komparabbli – fost l-oħrajn dwar il-proporzjon tar-rappreżentanza tal-gruppi vulnerabbli – li abbażi tagħha tiġi mmoniterjata l-implimentazzjoni tal-EHEA u, għal dan il-għan, biex jitneħħew l-ostakoli u jiġu solvuti l-problemi assoċjati mal-implimentazzjoni tal-proċess, u ma jiġux penalizzati dawk l-istituzzjonijiet li għadhom ma implimentawx ir-riformi ppjanati; jemmen li din id-dejta għandha tiġi ppubblikata kull sena fuq bażi ta' kull pajjiż għalih u kull università għaliha biex ikun iktar faċli li wieħed jifhem fejn jeħtieġ li jsir progress;
56. Iħeġġeġ lill-universitajiet biex jarmonizzaw l-istandards akkademiċi tagħhom billi jiffurmaw sħubiji għall-iskambju tal-prattiki tajbin;
57. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jsaħħu l-programmi ta' kooperazzjoni u riċerka, u biex jiżviluppaw programmi ġodda, abbażi ta' interessi reċiproċi mal-universitajiet tal-pajjiżi terzi, partikolarment dawk li jinsabu f'żoni ta' kunflitt, sabiex ikun possibbli l-aċċess għall-edukazzjoni għolja u t-taħriġ għal studenti minn dawn il-pajjiżi, mingħajr l-ebda forma ta' diskriminazzjoni;
58. Iqis li ż-Żona Ewropea tal-Edukazzjoni Għolja (EHEA) maħluqa mill-Proċess ta' Bolonja hi progressiva; jappella, għaldaqstant, għat-twaqqif ta' Żona Ewro-Mediterranja ta' Edukazzjoni Għolja li tkun inkorporata f'din l-istruttura eżistenti, u biex isir progress favur it-twaqqif ta' Żona ta' Edukazzjoni Għolja effettiva għall-pajjiżi involuti fil-kooperazzjoni tal-Isħubija tal-Lvant kif ukoll żoni interstatali oħra fi ħdan l-UE; jistieden lill-Kummissjoni biex tneħħi l-ostakoli għall-moviment tal-istudenti u l-għalliema, biex tappoġġja n-netwerking tal-universitajiet Ewro-Mediterranji, inkluża l-EMUNI, u biex tkompli l-prattiki tajba tal-programmi Tempus u Erasmus Mundus;

---

<sup>1</sup> Anness V, dwar ir-Rikonossiment abbażi tal-koordinazzjoni tal-kondizzjonijiet minimi ta' taħriġ, għad-Direttiva 2005/36/KE dwar l-għarfien tal-kwalifiki professjonali.

59. Jindika l-ħtieġa li tiġi pprovduta informazzjoni aħjar dwar il-Proċess ta' Bolonja u ż-Żona Ewropea tal-Edukazzjoni Għolja (EHEA) permezz ta' politika ta' komunikazzjoni komprensiva, effettiva u għall-Ewropa kollha bl-għan li l-universitajiet isiru iktar attraenti fi ħdan l-Ewropa kif ukoll barra;
60. Jistieden lill-Kummissjoni Ewropea u lill-Istati Membri jiggarrantixxu t-trasferibilità tas-self u l-għotjiet, partikolarment il-boroż ta' studju abbażi tal-mertu u tal-ħtiġijiet, bejn il-pajjiżi kollha Ewropej, sabiex jiġi żgurat l-aċċess ugwali għall-opportunitajiet ta' mobilità;
61. Jippromwovi l-ħolqien ta' marki (brands) universitarji magħquda fil-livell reġjonali sabiex jissaħħaħ il-prestiġju tal-universitajiet fil-livell internazzjonali skont l-għanijiet tal-Proċess ta' Bolonja;
62. Jistieden lill-istituzzjonijiet tal-UE jwaqqfu mekkaniżmi biex jappoġġjaw lill-Istati Membri u lill-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni għolja jimplimentaw l-għanijiet ta' Bolonja, li jista' jseħħ b'rappurtaġġ regolari u b'użu mmirat tal-programmi tal-UE, inklużi dawk li jinvolvu l-kooperazzjoni ma' pajjiżi fl-EHEA li mhumiex membri tal-UE;
63. Jitlob lill-UE tappoġġja l-implimentazzjoni tal-impenji tagħha ta' Bolonja fil-politika tagħha ta' kooperazzjoni mal-pajjiżi rilevanti li mhumiex membri tal-UE; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Parlament Ewropew jadottaw rwol aktar determinat fit-tmexxija tagħhom ta' dawn l-inizjattivi;
64. Jemmen li l-eżerċizzju ta' evalwazzjoni fil-laqgħa ministerjali tas-sena d-dieħla f'Bukarest se jwassal għal pjan direzzjonali ċar għat-twaqqif ta' Żona Ewropea tal-Edukazzjoni Għolja sal-iskadenza tal-2020; jisħaq li għandhom jitressqu proposti intersettorjali, f'dak li jikkonċerna t-taħriġ fl-ICT, it-tagħlim vokazzjonali u t-tagħlim tul il-ħajja kif ukoll it-taħriġ fil-post tax-xogħol, u li dawn il-proposti jippromwovu attivament kemm l-inklużjoni kif ukoll it-tkabbir intelliġenti u sostenibbli, b'mod li jagħtu lill-UE vantaġġ kompetittiv fid-dinja ta' wara l-kriżi fir-rigward tal-ħolqien ta' impjiegi, il-kapital uman, ir-riċerka, l-innovazzjoni, l-intraprenditorija u l-ekonomija tal-għarfien fit-totalità tagħha;
65. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-ministru tal-edukazzjoni tal-UE jutilizzaw bis-sħiħ l-opportunitajiet li toffri l-parteċipazzjoni konġunta tagħhom fl-EHEA u biex jadottaw rwol ta' tmexxija biex jintlaħqu l-għanijiet ta' Bolonja, u lill-Ministri biex l-impenji tagħhom fil-Proċess ta' Bolonja jsaħħuhom b'impenji konġunti fil-livell tal-UE fil-Kunsill, b'appoġġ mill-Kummissjoni, sabiex dan il-proċess ta' appoġġ reċiproku jkompli b'implimentazzjoni armonjuża;
66. Jiġbed l-attenzjoni għall-fatt li l-Laqgħa Ministerjali Semestrali tal-2012 tal-Proċess ta' Bolonja f'Bukarest trid tqis il-fatt li l-ħolqien tal-EHEA jippermetti lill-UE u lill-Istati Membri jagħtu kontribut b'saħħtu u unifikat għall-Proċess ta' Bolonja abbażi tar-responsabilitajiet konġunti tagħhom fil-kwistjoni tal-edukazzjoni għolja, tal-parteċipazzjoni konġunta tagħhom fil-proċess, u tal-impenn komuni bejniethom għall-azzjoni, appoġġjati minn dikjarazzjonijiet ta' politika mill-istituzzjonijiet tal-UE;

o

67. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-risoluzzjoni lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-gvernijiet u lill-parlamenti tal-Istati Membri.

## NOTA SPJEGATTIVA

Il-ħolqien ta' Żona Ewropea ta' Edukazzjoni Għolja miftuħa kien kisba maġġuri u jirrappreżenta l-qafas istituzzjonali wiesa' għall-implimentazzjoni tal-proċess ambizzjuż li nbeda bil-Proċess ta' Bolonja.

Il-kooperazzjoni u l-istrategġiji intergovernattivi stabiliti mill-Istituzzjonijiet Ewropej kienu l-istimolu għar-riforma strutturali wiesgħa tas-sistema Ewropea tal-edukazzjoni għolja. L-universitajiet Ewropej mhux biss irrevdedew u rriorganizzaw fil-fond l-attivitajiet ta' taġħlim tagħhom fil-qafas tat-tliet ċikli stabbilit bil-Proċess ta' Bolonja iżda saħħew ukoll ir-rwol soċjali tagħhom b'attivitajiet aktar adegwati għall-hekk imsejja "Tielet Missjoni" tas-sistema universitarja.

Ta' min wieħed jinnota li r-rabta bejn din is-sistema u s-suq tax-xogħol mhux dejjem kienet suċċess. Għaldaqstant, dak li jafferma d-dokument ta' Lisbona - jiġifieri li l-universitajiet Ewropej, minkejja kwalità pjuttost tajba ta' taġħlim, mhumiex kapaċi jesprimu l-potenzjal kollu tagħhom sabiex jippromwovu t-tkabbir ekonomiku, il-koeżjoni soċjali u t-titjib fil-kwalità u l-kwantità tal-impjiegi - għadu jgħodd. Din l-affermazzjoni hija partikularment preokkupanti f'dan iż-żmien ta' kriżi ekonomika dinjija u teħtieġ aktar attenzjoni fid-dawl tal-obiettiv tal-UE li "tkun l-ekonomija bbażata fuq l-għarfien l-aktar kompetittiva u dinamika fid-dinja, kapaċi li jkollha tkabbir ekonomiku sostenibbli, b'titjib kwantitattiv u kwalitattiv tal-impjiegi u aktar koeżjoni soċjali".

F'dan ir-rigward, it-tisħiħ tal-Proċess sħiħ ta' Bolonja huwa funzjonali għall-ilħuq tal-obiettivi ta' tkabbir stabbiliti fl-istrategġija Ewropa 2020: huwa rekwiżit għall-integrazzjoni sħiħa tas-suq intern tal-UE u għodda indispensabbli biex jiġu indirizzati l-isfidi li ġabet magħha l-kriżi ekonomika u finanzjarja.

L-ewwel obgettiv tal-Proċess ta' Bolonja għadu kundizzjoni fundamentali: student miktub f'università Ewropea għandu d-dritt li jiġgradwa u li jara li l-kwalifika tiegħu tkun rikonoxxuta madwar l-UE.

### Governanza

Wieħed mill-fatturi li naqqsu r-rata ta' progress f'dak li għandu x'jaqsam mar-riżultati huwa n-natura "minn fuq għal isfel" tal-proċess.

Il-proċess kien l-ewwel maħluq mir-rieda politika tal-gvernijiet nazzjonali; kien biss fit-tieni fażi li dan beda progressivament jinvolvi l-kapijiet ta' istituzzjonijiet akkademiċi fl-EUA (Assoċjazzjoni Ewropea tal-Universitajiet), u l-proċess għad irid jiġi integrat bis-sħiħ fl-Universitajiet Ewropej, fost l-istudenti u l-familji.

Għaldaqstant jeħtieġ li jkun hemm involviment aktar komplet tal-partijiet kollha interessati fl-immaniġġjar tal-obiettivi tagħhom, u fl-identifikazzjoni ta' miżuri ġodda ta' appoġġ għalih.

Aspett ieħor tal-'governanza mhux mitmuma' tal-Proċess huma l-azzjonijiet frammentati meħuda minn Stati Membri individwali.

Il-baġit żgħir previst sabiex jintlaħqu dawn l-obiettivi huwa waħda mir-raġunijiet ta' parti minn din l-istess kritika: l-illużjoni li l-Proċess ta' Bolonja jista' jitwettaq mingħajr ebda nefqa. Il-kriżi finanzjarja attwali aktarx li se tinvolvi aktar tnaqqis fir-riżorsi finanzjarji disponibbli fis-settur edukattiv kollu.



Il-kuntest ekonomiku, madankollu, għandu jghegħna nħeġġu t-tħaffif tal-proċess, u nistudjaw formati u oqfsa finanzjarji ġodda li jippermettu implimentazzjoni aktar effettiva tal-oġettivi tat-tkabbir u ta' eċċellenza tal-universitajiet Ewropej.

Flimkien mal-Istati Membri, l-Istituzzjonijiet Ewropej għandhom ukoll rwol essenzjali fil-proċess, speċjalment fir-rikonossiment tal-kwalifiki u fil-politiki ta' mobilità.

F'dan l-istadju l-EHEA għadha mhix żviluppata biżżejjed u huwa essenzjali li l-potenzjal tagħha jiġi massimizzat u jiġu indirizzati għadd ta' kwistjonijiet miftuħa, inkluża r-regolamentazzjoni governattiva, ir-restrizzjonijiet baġitarji, il-kontroll tal-kwalità u l-akkreditazzjoni nazzjonali.

L-atturi l-oħrajn fil-Proċess ta' Bolonja (l-universitajiet, l-istudenti, l-għalliema, it-trejdjunjins, is-settur tan-negozju) għandhom ir-responsabilità kruċjali li jiżguraw li l-proċess verament ikollu għeruq fil-korp soċjali universitarju.

Il-konformità ħażina minn uħud mill-universitajiet Ewropej mal-linji gwida tal-proċess turi wkoll il-ħtieġa li jiġu implimentati strateġiji ġodda ta' taġħlim.

Għadha tingħata aktar attenzjoni lit-twaqqif ta' sistema ta' taġħlim iffukata fuq l-istudent, fejn l-universitajiet u l-istaff akkademiku jħeġġu lill-istudenti jimmanigijaw b'mod attiv l-esperjenza tagħhom ta' edukazzjoni għolja.

## **Punti ta' konġestjoni**

Il-mobilità: Il-mobilità għadha importanza partikulari bħala karatteristika essenzjali tal-EHEA, kif definit fil-Komunikazzjoni riċenti tal-Kummissjoni Ewropea dwar il-modernizzazzjoni tal-EHEA u fl-aħħar riżoluzzjoni tal-PE tal-2008 dwar il-Proċess ta' Bolonja u l-mobilità tal-istudenti<sup>1</sup>, li tagħha is-Sa Doris Pack kienet Rapporteur. Il-mobilità mhijiex biss territorjali (fi ħdan u bejn pajjiżi), iżda wkoll orizzontali (bejn ċikli ta' lawrji) u vertikali (fi ħdan ċikli ta' lawrji).

Sabiex jissaħħu l-flussi tal-mobilità tal-istudenti, għadna bżonn aktar inċentivi fil-livell tal-politika ta' finanzjament, u l-allokazzjoni ta' aktar riżorsi finanzjarji, miżuri ta' kwalità u r-rikonossiment tal-krediti, u trasparenza u informazzjoni aħjar dwar il-programmi ta' mobilità.

Ir-Rikonossiment tal-kwalifiki u l-qafas tal-kwalifiki: Ir-riformi introdotti bil-Proċess ta' Bolonja fihom sett ta' għodod maħsuba biex jinkuraġġixxu r-rikonossiment tal-kwalifiki, bħas-Sistema Ewropea għall-Akkumulazzjoni u t-Trasferiment ta' Krediti.

F'dan l-istadju ħafna mill-pajjiżi tal-proċess ta' Bolonja għadhom ma implimentawx oqfsa nazzjonali tal-kwalifiki marbuta mal-qafas tal-kwalifiki tal-EHEA.

Sabiex ikunu jistgħu jitkejlu, u biex jiġu ffaċilitati l-komparabilità u r-rikonossiment ta' kwalifiki formali, mhux formali u informali, dawn il-kwalifiki nazzjonali għandhom ikunu bbażati fuq ir-riżultati tal-taġħlim.

F'dan ir-rigward, ikun interessanti li jiġu meqjus kemm għadna nkomplu niżviluppaw il-Proġett 2000 'Tuning', li kien maħsub biex jagħti approċċ għall-implimentazzjoni tal-Proċess ta' Bolonja u biex jidentifika punti ta' riferenza komuni għall-kompetenzi ġeneriċi u għal dawk speċifiċi għal suġġett għal-lawrjati tal-ewwel u tat-tieni ċiklu f'sensiela ta' dixxiplini.

L-assigurazzjoni tal-kwalità: Fil-preżent, ir-rieżami tas-sistemi nazzjonali tal-assigurazzjoni tal-kwalità għadha għaddejja fil-bieċa l-kbira tal-pajjiżi, fejn l-universitajiet qed jaħdmu biex jiżviluppaw sistemi uniformi tal-assigurazzjoni tal-kwalità sostnuti minn proċeduri ta'

---

<sup>1</sup> ĠU C 8 E, 14.1.2010, p. 18.

valutazzjoni esterni.

Ir-Reġistru Ewropew tal-Assigurazzjoni tal-Kwalità jirrappreżenta kisba importanti, l-istess kif jagħmlu strumenti oħrajn bħall-Istandards u l-Linji Gwida Ewropej għall-assigurazzjoni tal-kwalità; il-miżuri nazzjonali tal-assigurazzjoni tal-kwalità jeħtieġ li jkunu adattati aktar f'dan ir-rigward.

Jeħtieġ li jinħolqu inċentivi biex il-pajjiżi jiġu mħeġġa jingħaqdu mar-reġistru u jtejbu s-sistemi tagħhom ta' awtoevalwazzjoni.

B'mod partikulari ġie żviluppata approċċ pożittiv fl-Awstrija u fid-Danimarka, fejn kull aġenzija tal-assigurazzjoni tal-kwalità tista' topera dment li tkun aderiet mar-reġistru. B'dan il-mod, kull lawrja b'ċertifikat ta' kwalità għandha tiġi rikonossuta fil-pajjiżi l-oħra kollha tal-EHEA.

Id-dimensjoni soċjali: L-objettiv tal-koeżjoni soċjali sar parti ċentrali tal-EHEA u jirrappreżenta kundizzjoni li trid tiġi ssodisfata sabiex tiġi kkonsolidata l-EHEA. Għandha tingħata aktar importanza lill-aċċess ekwu u t-tlestija tal-edukazzjoni għolja fil-livelli kollha. Dan ikun jeħtieġ aktar appoġġ mill-gvernijiet sabiex jiddaħħlu fis-seħħ miżuri biex ikabbru l-aċċess għal studenti minn gruppi mhux rappreżentati biżżejjed u minn ambjenti soċjoekonomiċi aktar baxxi, kif ukoll għall-immigranti, minoranzi kulturali, u studenti b'diżabilità.

L-Impjegabilità u l-Lawrja tal-Baċċellerat: In-nuqqas ta' statistika tagħmilha diffiċli li l-impjeg tal-persuni gradwati jkun immoniterjat. B'mod partikulari, l-impjegabilità tista' tiżdied ukoll billi min jimpjega jiġi involut fl-integrazzjoni tal-apprendistati bħala parti mill-kurrikuli akkademiċi.

Sistema effettiva ta' rikonossiment flivell tal-UE tkun ukoll essenzjali biex jiġu ddefiniti standards ta' kompetenzi u ħiliet għas-suq tax-xogħol (kemm għas-settur pubbliku kif ukoll għal dak privat).

Kooperazzjoni aħjar bejn l-EHEA u ż-Żona Ewropea tar-Riċerka (ERA): L-inklużjoni tad-dottorati bħala lawrja tat-tielet ċiklu fl-istruttura tal-lawrji ta' Bolonja hija r-rabta ewlenija bejn l-edukazzjoni għolja u r-riċerka.

Issa jeħtieġ li nibdlu l-perċezzjoni komuni li d-dottorat huwa mmirat biss għar-riċerka akkademika. Tabilħaqq, id-dottorati għandhom il-potenzjal li jkunu komponent importanti fil-ħolqien ta' innovazzjoni bbażata fuq l-għarfien u tkabbir ekonomiku, u jistgħu jikkontribwixxu għall-progress u t-tixrid tal-għarfien u t-teknoloġija.

## **Azzjoni Ewropea**

L-azzjoni fil-livell Ewropew hija aktar inċiżiva biex jittejbu r-risultati u biex il-kwistjonijiet mhux solvuti jintgħelbu. Huwa komputu tal-Istati Membri, tal-Istituzzjonijiet Ewropej u tal-partijiet kollha interessati (negożji, universitajiet, studenti) li l-universitajiet jissaħħew u jiġu mmodernizzati. L-Ewropa għandha l-mezzi biex tiżgura li jkun hemm sistema aktar effiċjenti kemm permezz ta' politika ta' inizjattivi kif ukoll permezz ta' rabtiet maż-żona Ewropea ta' riċerka.

L-assigurazzjoni tal-kwalità: Ma nistgħux nibqgħu għaddejjin mingħajr ir-rikonossiment reċiproku tal-kwalifiki u mingħajr fiduċja reċiproka. L-UE għandha tindirizza dan permezz ta' politika ta' inċentivi.

Il-Qafas tal-kwalifiki: Twaqqaf Qafas Ewropew tal-Kwalifiki għal-livelli kollha tal-edukazzjoni. L-Istati Membri tal-UE jridu jadottaw il-Qafas Nazzjonali tagħhom għat-tagħlim tul il-ħajja.

Kurrikuli fundamentali: Għandha ssir enfasi fuq il-ftehimiet dwar kurrikuli fundamentali komuni fil-programmi li jkopru l-istess dixxiplini, li jridu jkunu strutturati sabiex jiggarrantixxu rizzultati minimi ta' tagħlim definiti sew.

Lawrji Konġunti: Wieħed mill-għanijiet l-aktar importanti tal-EHEA għandu jkun li tiġi stabbilita u żviluppata sistema ta' lawrji Ewropej li jkunu rikonoxxuti fl-Ewropa kollha sabiex kull student li jlesti l-università fl-Ewropa jirċievi kwalifika li tkun rikonoxxuta u valida fl-Ewropa kollha.

### **Lejn is-Samit ta' Bukarest**

Il-laqgħa ministerjali tal-Proċess ta' Bolonja se ssir f'April 2012. Huwa ta' importanza ewlenija li l-formulazzjoni tal-impenji l-ġodda għat-tliet snin minn issa sal-laqgħa ministerjali li jmiss ma tkunx limitata biss għat-tfassil ta' lista ta' benchmarks, iżda minflok tkun tinkludi miżuri konkreti li jippromwovu t-tweqqif ta' objettivi tal-Proċess ta' Bolonja f'kull università u Stat Membru.

28.11.2011

## **OPINJONI TAL-KUMITAT GĦAS-SUQ INTERN U L-ĦARSIEN TAL-KONSUMATUR**

għall-Kumitat għall-Kultura u l-Edukazzjoni

dwar il-kontribut tal-istituzzjonijiet Ewropej għall-konsolidazzjoni tal-Proċess ta' Bolonja (2011/2180(INI))

Rapporteur għal opinjoni: Emma McClarkin

### **SUĠĠERIMENTI**

Il-Kumitat għas-Suq Intern u l-Ħarsien tal-Konsumatur jistieden lill-Kumitat għall-Kultura u l-Edukazzjoni, bħala l-kumitat responsabbli, biex jinkorpora s-suġġerimenti li ġejjin fil-mozzjoni għal riżoluzzjoni tiegħu:

1. Jenfasizza l-importanza tal-edukazzjoni bħala l-qasam ewlieni għall-kooperazzjoni mal-Istati Membri sabiex jintlaħqu l-oġettivi essenzjali tax-xogħol u tal-iżvilupp tal-istrateġija UE 2020 u l-irkupru ekonomiku tant meħtiegħ;
2. Jirrimarka li l-Proċess ta' Bolonja u l-programm Erasmus taw spinta lill-mobilità tal-istudenti u għandhom il-potenzjal li jikkontribwixxu għal mobilità tax-xogħol imsaħħa; jiddispaċih, madankollu, li r-rati ta' mobilità għandhom relattivament baxxi; jistieden, għaldaqstant, lill-UE, lill-Istati Membri u lill-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni għolja jikkomunikaw aktar effettivament ma' xulxin u mal-istudenti dwar il-possibilitajiet li l-istudenti għandhom fir-rigward tal-mobilità, inklużi l-oportunitajiet ta' boroż ta' studju; huwa tal-fehma, barra minn hekk, li għandha tingħata kunsiderazzjoni xierqa biex jiżdied il-finanzjament tal-programm Erasmus;
3. Iqis li t-twaqqif xieraq ta' punti uniċi ta' kuntatt għas-settur tal-edukazzjoni fl-Istati Membri jista' jnaqqas kunsiderevolment in-natura irregolari u mhux uniformi tal-implimentazzjoni tad-diversi aspetti tal-Proċess ta' Bolonja, jassisti fil-modernizzazzjoni ta' politiki nazzjonali għall-edukazzjoni għolja u jwassal għal kooperazzjoni, koordinazzjoni, kuntatt u skambji itjeb dwar l-aħjar prattiki fost l-UE27;
4. Jenfasizza li l-miżuri biex jippromwovu l-impjegabbiltà, bħat-tagħlim tul il-ħajja, u l-

iżvilupp ta' medda usa' ta' ħiliet tajbin għas-suq tax-xogħol, għandhom ikun l-ogħla prijorità sabiex jinkiseb żvilupp sostenibbli u jintlaħqu l-oġettivi ta' prosperità; f'dan ir-rigward, jappoġġja bis-sħiħ l-iskambji tal-ġalliema u tal-istudenti tal-università, id-djalogu bejn l-universitajiet u n-negozji, l-apprendistati u l-passaport tal-ħiliet;

5. Huwa tal-fehma li l-mobilità fost il-lezzuri universitarji twessa' l-edukazzjoni u l-esperjenza mhux biss tal-lezzuri nfushom, iżda wkoll, indirettament, tal-istudenti tagħhom, filwaqt li tgħin视角 jipparteċipaw fit-tnejn tal-materjal pedagoġiku;
6. Jenfasizza l-kontribut tas-7 Programm Qafas tal-UE għar-Riċerka, tal-Programm Qafas għall-Kompetittività u l-Innovazzjoni u taż-Żona Ewropea tar-Riċerka biex tkun iffaċilitata l-mobilità tar-riċerkaturi tal-UE u biex jinfetaħ il-potenzjal tal-innovazzjoni u tal-kompetittività tal-UE, u jappella għal rabtiet aktar mill-qrib bejn iż-Żona Ewropea tal-Edukazzjoni Għolja u ż-Żona Ewropea tar-Riċerka;
7. Jistieden lill-Kummissjoni tappoġġja u tassisti lill-Istati Membri matul il-proċess intergovernamentali bi tnejn għall-konferenza li għejja tal-Ministri responsabbli għal edukazzjoni għolja f'Bukarest f'April 2012; jappoġġja l-approċċ reċenti tal-Kummissjoni Ewropea stabbilit fil-Komunikazzjoni "Insostnu t-tkabbir u l-impjiegi – aġenda għall-immodernizzar tas-sistemi ta' edukazzjoni għolja fl-Ewropa"<sup>1</sup>;
8. Jemmen li l-eżerċizzju ta' evalwazzjoni fil-laqgħa ministerjali tas-sena d-dieħla f'Bukarest se jwassal għal pjan direzzjonali ċar għat-twaqqif ta' Żona Ewropea tal-Edukazzjoni Għolja sal-iskadenza tal-2011; jisħaq li għandhom jitressqu proposti intersettorjali, f'dak li jikkonċerna t-taħriġ fl-ICT, it-tagħlim vokazzjonali u t-tagħlim tul il-ħajja kif ukoll it-taħriġ fil-post tax-xogħol, u li dawn il-proposti jippromwovu attivament kemm l-inklużjoni kif ukoll it-tkabbir intelliġenti u sostenibbli, b'mod li jagħtu lill-UE vantaġġ kompetittiv fid-dinja ta' wara l-kriżi fir-rigward tal-ħolqien ta' impjiegi, il-kapital uman, ir-riċerka, l-innovazzjoni, l-intraprenditorija u l-ekonomija tal-għarfien fit-totalità tagħha;
9. Jenfasizza l-importanza tal-*communiqué* ta' Londra tal-2007, li poġġja d-dimensjoni soċjali tal-edukazzjoni wieħed mill-oġettivi tal-Proċess ta' Bolonja, bl-għan ikun li jiġu żgurati aċċess ekwu għall-edukazzjoni irrispettivament mill-isfond ta' dak li jkun; jiddispijaċih għall-fatt li ma sarx biżżejjed progress għall-ilħuq ta' dan l-oġettiv, u jinkuraġġixxi lill-Kummissjoni tiffaċilita dan il-progress;
10. Jiġbed l-attenzjoni għar-rabta qawwija bejn il-proċess ta' Bolonja u d-Direttiva dwar il-Kwalifiki Professjonali, u jenfasizza l-ħtieġa għal koordinazzjoni mill-Kummissjoni b'manjiera li tkun konsistenti għall-aħħar mal-Proċess ta' Bolonja; isostni li r-rabta tista' tissaħħaħ aktar billi l-istudenti jingħataw l-informazzjoni Prattika rilevanti kollha dwar l-għarfien tad-diplomi miksuba minn barra u l-oportunitajiet ta' xogħol li jgħib it-taħriġ barra l-pajjiż;
11. Jistieden lill-Kummissjoni biex, f'konformità mas-setgħat tagħha, tevalwa l-implimentazzjoni mhux uniformi tal-proċess u tfassal tabella ta' valutazzjoni sabiex il-proċess ta' Bolonja jsir strumenti reali li jiffaċilita l-mobilità tal-professionisti mhux biss

---

<sup>1</sup> Komunikazzjoni tal-20 ta' Settembru 2011 mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni bit-titolu "Insostnu t-tkabbir u l-impjiegi – aġenda għall-immodernizzar tas-sistemi ta' edukazzjoni għolja fl-Ewropa" (COM(2011)0567).

bejn l-Istati Membri imma wkoll bejn l-UE u l-pajjiżi terzi li huma firmatarji; jenfasizza li kull tabella ta' valutazzjoni li tikkonċerna l-implimentazzjoni tal-Proċess ta' Bolonja għandha teżamina l-kwistjoni fil-fond, mil-lat kwalitattiv u dak kwantitattiv, sabiex tiggwida l-iżviluppi fil-ġejjieni u tippermetti li jittieħdu deċiżjonijiet bl-użu ta' approċċ ibbażat fuq l-evidenza;

12. Jappella, bħala parti mir-rieżami tad-Direttiva dwar il-Kwalifiki Professjonali u sabiex isir progress lejn Żona Ewropea tal-Edukazzjoni Għolja reali, sabiex isir tqabbil tar-rekwiżiti minimi nazzjonali ta' taħriġ u biex ikun hemm skambji aktar regolari bejn l-Istati Membri, l-awtoritajiet kompetenti u l-entitajiet professjonali;
13. Jistieden lill-Kummissjoni tappoġġa lill-Istati Membri fit-tisħiħ tat-trasparenza tas-Sistema Ewropea għall-Akkumulazzjoni u t-Trasferiment ta' Krediti (ECTS) bil-għan li din tkun tista' tintuża bħala għodda ta' tqabbil biex tiffaċilita r-rikonoxximent tal-kwalifiki professjonali, u jsostni li approċċ aktar ibbażat fuq il-ħiliet jista' jiffaċilita tqabbil aħjar bejn is-setturi differenti; jitlob lill-partijiet interessati rilevanti jikkunsidraw il-possibilità li jdaħħlu fl-ECTS il-perjodi ta' taħriġ mwettqa bħala parti mill-edukazzjoni għolja;
14. Jiġbed l-attenzjoni għall-importanza tal-implimentazzjoni konsistenti tas-sistema ECTS; jistieden lill-Kummissjoni, lill-Istati Membri u lill-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni għolja jżviluppaw tabella komparattiva li tkun tindika l-għadd ta' krediti tal-ECTS mogħtija għall-korsijiet, bil-għan li tiżdied il-konsistenza u tiġi ffaċilitata l-mobilità professjonali u tal-istudenti; jinnota li l-ostakoli li l-istudenti iħabbtu wiċċhom magħhom meta jittrasferixxu l-krediti minn università għall-oħra, u jemmen li dawn id-diffikultajiet jistgħu jiskuraġġixxu l-istudenti milli jieħdu sehem fi skambji akkademiċi;
15. Jappella għal trasparenza akbar fl-informazzjoni mogħtija lill-istudenti qabel ma jibda skambju partikulari fir-rigward tal-għadd ta' krediti li jkunu se jingħataw, u jistieden lill-Istati Membri u lill-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni għolja jikkooperaw flimkien meta jkunu qed jivvalutaw l-għadd ta' krediti li jkunu se jingħataw għall-korsijiet; jinkuraġġixxi l-iżvilupp ta' pjattaformi komuni sabiex tinħoloq bażi ta' għarfien u kompetenzi definita minn professjonisti u istituzzjonijiet tal-edukazzjoni għolja, bil-għan possibbli li tinkiseb approssimazzjoni ta' xi diplomi, filwaqt li jitħares id-dritt li jitħallew l-ispeċifiċitajiet nazzjonali, pereżempju s-sistema tal-għarfien awtomatiku tal-kwalifiki professjonali fl-UE<sup>1</sup>;
16. Jappella għal networking, koordinazzjoni u komunikazzjoni aħjar bejn l-universitajiet tal-UE sabiex jitħaffef l-għarfien ta' diplomi ġodda, jiġi ffaċilitat it-trasferiment tal-krediti, jitjieb l-għarfien u l-fehim tas-sistemi differenti tal-edukazzjoni u t-taħriġ u sabiex l-istudenti jkunu jistgħu jifhmu aħjar id-diversità tal-programmi Ewropej.

---

<sup>1</sup> Anness V, dwar ir-Rikonoxximent abbażi tal-koordinazzjoni tal-kondizzjonijiet minimi ta' taħriġ, għad-Direttiva 2005/36/KE dwar l-għarfien tal-kwalifiki professjonali.

## RIŻULTAT TAL-VOTAZZJONI FINALI FIL-KUMITAT

<b>Data tal-adozzjoni</b>	22.11.2011
<b>Riżultat tal-votazzjoni finali</b>	+: 32 -: 2 0: 0
<b>Membri preżenti għall-votazzjoni finali</b>	Pablo Arias Echeverría, Adam Bielan, Lara Comi, Anna Maria Corazza Bildt, António Fernando Correia De Campos, Jürgen Creutzmann, Cornelis de Jong, Evelyne Gebhardt, Małgorzata Handzlik, Iliana Ivanova, Eija-Riitta Korhola, Edvard Kožušník, Hans-Peter Mayer, Phil Prendergast, Mitro Repo, Robert Rochefort, Heide Rühle, Matteo Salvini, Christel Schaldemose, Andreas Schwab, Róża Gräfin von Thun und Hohenstein, Emilie Turunen, Bernadette Vergnaud, Barbara Weiler
<b>Sostitut(i) preżenti għall-votazzjoni finali</b>	Regina Bastos, María Irigoyen Pérez, George Lyon, Emma McClarkin, Konstantinos Poupakis, Sylvana Rapti, Marc Tarabella, Kyriacos Triantaphyllides, Wim van de Camp
<b>Sostitut(i) (skont l-Artikolu 187(2)) preżenti għall-votazzjoni finali</b>	Ramona Nicole Mănescu

## RIŻULTAT TAL-VOTAZZJONI FINALI FIL-KUMITAT

<b>Data tal-adozzjoni</b>	24.1.2012
<b>Riżultat tal-votazzjoni finali</b>	+: 23 -: 2 0: 1
<b>Membri preżenti għall-votazzjoni finali</b>	Maria Badia i Cutchet, Zoltán Bagó, Malika Benarab-Attou, Piotr Borys, Santiago Fisas Aixela, Lorenzo Fontana, Mary Honeyball, Petra Kammerevert, Morten Løkkegaard, Emma McClarkin, Marek Henryk Migalski, Katarína Neved'alová, Doris Pack, Chrysoula Paliadeli, Marie-Thérèse Sanchez-Schmid, Marco Scurria, Emil Stoyanov, Hannu Takkula, László Tőkés, Helga Trüpel, Gianni Vattimo, Sabine Verheyen, Milan Zver
<b>Sostitut(i) preżenti għall-votazzjoni finali</b>	Heinz K. Becker, Ivo Belet, Seán Kelly, Iosif Matula, Georgios Papanikolaou, Inês Cristina Zuber
<b>Sostitut(i) (skont l-Artikolu 187(2)) preżenti għall-votazzjoni finali</b>	Luigi Berlinguer